

tal-25 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 50, p. 1), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 51, p. 1); it-tieni, sussidjarjament, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2022/337 sa fejn din tikkonċernah, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/336 sa fejn dan jikkonċernah, tal-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2022/329 u tal-paragrafi (f) u (g) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2022/330 u, it-tielet, li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiġi kkundannat iħallasu s-somma ta' EUR 20 000 bħala spejjeż li huwa kellu jsostni sabiex jiddefendi l-interessi tiegħu.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2022 – Lacapelle vs Il-Parlament

(Kawża T-240/22 R)

(“Miżuri provviżorji – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament – Esklużjoni mill-parteċipazzjoni fid-delegazzjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza”)

(2022/C 318/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean-Lin Lacapelle (Pariġi, Franza) (rappreżentant: F.-P. Vos, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlietz u T. Lukácsi, aġenti)

Suġġett

Permezz tat-talba tiegħu abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE, ir-rikorrent jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni D-301937 tal-co-presidenti tal-Grupp ta' sostenn tad-demokrazija u ta' koordinazzjoni tal-elezzjonijiet, tat-3 ta' Marzu 2022, li teskludih minn kull parteċipazzjoni fid-delegazzjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew sat-tmiem tal-mandat tiegħu bħala membru tal-Parlament (2019-2024).

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2022 – Juvin vs Il-Parlament

(Kawża T-241/22 R)

(“Miżuri provviżorji – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament – Esklużjoni mill-parteċipazzjoni fid-delegazzjonijiet ta' osservazzjoni tal-elezzjonijiet tal-Parlament – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza”)

(2022/C 318/53)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Hervé Juvin (Pariġi, Franza) (rappreżentant: F.-P. Vos, avukat)